TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 127/14/GB

**Paul & Lina Scicluna**

**vs**

**Sebastian Duca – Casa Completa**

Illum 30 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Gunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' disgha mija tmienja u sebghin Ewro (€978.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal aċċessorji tal-kamra tal-banju, li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema aċċessorji kienu difettużi.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw aċċessorji tal-kamra tal-banju minghand is-socjeta' ntimata, ftit minn liema aċċessorji kienu difettużi u kienu nbiddlu, pero' l-accessorji l-godda hargu difettużi wkoll.

Hemm hair line crack fix-'shower tray', u ma ġietx installata tajjeb; 'shower stand' imsaddad; 'shower frame' li kienet diga' nbidlet ghaliex kienet issaddet u li regghat issaddet; tap ta' l-ilma u pipe li t-tnejn issaddu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew sett ta' hdax (11)-il ritratt, li ġiet immarkata bhala Dok.PLS1; flimkien ma' invoice, li ġiet immarkata bhala Dok.PLS2 u stima, li ġiet immarkata bhala Dok.PLS3.

It-Tribunal, wara li ra r-regolament numru 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li s-socjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum, stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta tas-socjeta' ntimata. Illi ghalhekk, is-socjeta' ntimata baqghet kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, jikkummenta illi ma jistax ikun li kwalunkwe xorta mixtrija tittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, u xorta tibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Illi madanakollu, ma ngabet l-ebda prova sabiex tissussisti l-ammont hekk mitlub mir-rikorrenti, u dana in vista tal-fatt illi Dok.PLS2, ezebit in atti, ma jirriflettix l-ammonti hekk mitluba mir-rikorrenti. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**